DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/2341

tal-21 ta' Novembru 2022

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2021/1345 fir-rigward l-awtorizzazzjoni tal-ftuħ ta' negozjati mal-Kolombja u mal-Messiku bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207(4), l-ewwel subparagrafu, flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jistabbilixxi l-possibbiltà li jingħata aċċess għas-suq tal-Unjoni lil prodotti organiċi minn pajjiżi terzi li jkunu ġew rikonoxxuti li għandhom sistema ta' produzzjoni li tissodisfa l-istess objettivi u prinċipji billi jiġu applikati regoli li jiżguraw l-istess livell ta' assigurazzjoni tal-konformità bħal dawk tal-Unjoni, fi ftehim kummerċjali.

(2) Il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati rigward ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi bejn l-Unjoni u l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, il-Costa Rica, l-Indja, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, il-Korea t'Isfel, it-Tuneżija u l-Istati Uniti permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1345 ([2]).

(3) Il-Kummissjoni bdiet in-negozjati mal-Kolombja u mal-Messiku skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2014 ([3]). Dik id-Deċiżjoni kienet tinkludi limitazzjoni tat-tul tan-negozjati, li ma setgħux jiġu konklużi qabel ma n-negozjati jilħqu t-terminu.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li jinfetħu negozjati bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi mal-Kolombja u l-Messiku. Jenħtieġ li dawk in-negozjati jitwettqu abbażi tad-direttivi ta' negozjar stabbiliti fl-addendum għad-Deċiżjoni (UE) 2021/1345.

(5) Għalhekk huwa xieraq li tiġi emendata d-Deċiżjoni (UE) 2021/1345 sabiex tinkludi lill-Kolombja u lill-Messiku fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha.

(6) Id-direttivi għan-negozjar stabbiliti fl-*addendum* għad-Deċiżjoni (UE) 2021/1345 jenħtieġ li jiġu emendati sabiex jinkludu referenzi għall-Kolombja u għall-Messiku.

(7) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2021/1345 tiġi emendata skont dan,

([1]) Ir-Regolament (UE) 2018/848 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar il-produzzjoni organika u t-tikkettar ta' prodotti organiċi u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 834/2007 (ĠU L 150, 14.6.2018, p. 1).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1345 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, il-Costa Rica, l-Indja, Iżrael, il-Ġappun, New Zealand, il-Korea t'Isfel, it-Tuneżija u l-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (ĠU L 306, 31.8.2021, p. 2).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2014 li tawtorizza l-ftuħ tan-negozjati rigward ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi (Ara dokument ST 10474/14 fuq http://register.consilium.europa.eu).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni (UE) 2021/1345 hija emendata kif ġej:

(1) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1345 tat-28 ta' Ġunju 2021 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Arġentina, mal-Awstralja, mal-Kanada, mal-Kolombja, mal-Costa Rica, mal-Indja, ma' Iżrael, mal-Ġappun, mal-Messiku, ma' New Zealand, mal-Korea t'Isfel, mat-Tuneżija u mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi";

(2) fl-Artikolu 1, il-paragrafu (1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'1. B'dan, il-Kummissjoni hija awtorizzata li tiftaħ negozjati mal-Arġentina, mal-Awstralja, mal-Kanada, mal-Kolombja, mal-Costa Rica, mal-Indja, ma' Iżrael, mal-Ġappun, mal-Messiku, ma' New Zealand, mal-Korea t'Isfel, mat-Tuneżija u mal-Istati Uniti bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet dwar il-kummerċ ta' prodotti organiċi.';

(3) l-*addendum* huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-addendum ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell, il-21 ta' Novembru 2022.

Għall-Kunsill
Il-President
Z. NEKULA